C/2025/668

27.1.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Jannar 2025

li tissostitwixxi membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għal Ċipru

(C/2025/668)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2024 [2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta' Settembru 2024 sal-24 ta' Settembru 2026.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Antonis KAFOUROS, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.

(3) Il-Gvern ta' Ċipru nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Yolanda IOANNIDOU hija maħtura membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema minflok is-Sur Antonis KAFOUROS għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

[1] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

[2] Id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-23 ta' Settembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C, C/2024/5865, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5865/oj.